**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 21**

**NHAR IL-ĦAMIS 3 TA' MEJJU 2012 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetchuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

Ic-Chairperson Frank Salt u l-Membru Wallace Farrugia kienu skużati .

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 20 ġew approvati. Alex Chetchuti ippropona. Il-Vici Chairperson issekondat.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

Giet ippreżentata kwotazzjoni ta' xogħlijiet ta' dawl ġdid fi Triq L-Ingineer, Madliena. Il-kwotazzjoni tammonta għal €11,159.26.
Il-kwotazzjoni tinkludi 8 arbli u bozzoz ġodda kif ukoll cable pero' ma tinkludiex it-trinka li minnha se jgħaddi l-cable.

Alex Chetchuti ssuġerixxa li jkun ferm aħjar li dawn ix-xogħlijiet isiru waqt li tkun qed issir it-triq b'hekk jistgħu jiġu evitati diversi spejjeż. Fl-istess triq għad irridu isiru xogħlijiet ta'mains ta' l-ilma, mains tad-drenaġġ kif ukoll pompa kbira li tella' d-drenaġġ 'il fuq. Gie deċiż li deċiżjoni tittieħed fis-Seduta li jmiss meta jkun hemm preżenti l-Membru Wallace Farrugia.

Alex Chetchuti staqsa jekk sarux xi żvilluppi dwar meta se jitkomplew ix-xogħlijiet ta' tarmac fil-ħames toroq żgħar li fadal mill-proġett tal-Madliena.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-kuntratturi qed jitlobu li l-garanzija bankarja ssir fuq it-toroq li fadal li jiġu 10% ta' €170,000 minflokk fuq il-proġett kollu.Il-kuntratturi qed jitolbu wkoll li r-rikjesta ta' xogħlijiet lit-Transport Malta toħroġ dirett fuq il-kuntratturi minnflok fuq Sailos kif origanalment ħarġet l-offerta.Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar dan hu kiteb lill-Avukat tal-Kunsill u qed jistenna risposta.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Alex Chetchuti**

1. Alex Chetchuti staqsa dwar il-possibilta' ta' open skip biswit il-bring-in-sites ħdejn il-.Forti Madliena. Il-Kumitat iddeċieda li din il-materja tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss.

2. Il-membru staqsa jekk hux se jsir tarmak fl-entratura tal- Forti Madliena. Hu ġie nfurmat li din il-parti tat-triq se ssir mal-kumplament tat-toroq li fadal.

3. A. Chechcuti staqsa jekk waslitx il-kwotazzjoni tan-Numri fuq kull arblu tad-dawl fil-Madliena. Is-Segreatrju Eżekuttiv nforma li din għadha ma waslitx minngħand il-kuntrattur.

4. Rigward l-Offerta tar-Refurbishing ta' l-entratura tal-Madliena (land scaping) ġew sottometti 5 offerti.

| | | |
|---|---|---|
| T.Mifsud | - | € 17,995.00 |
| Agriculture Cooperative | - | € 14500.00 |
| Ricky Caruana | - | € 13600.00 |
| ELC Ltd | - | € 19800.00 |
| Calamatta Landscaping Co Ltd | - | € 17900.00 |

Wara diskuzzjoni l-Kumitat iddeċieda dwar l-aktar offerta vantaġġuża. L-istess kuntrattur offra wkoll li ser jkun responsabbli mit-Tisqija tal-pjanti ġodda għall-zmien sena .Il-Membru A.Chetchuti ppropona fil-waqt li l- Vici Chairperson gie is-sekondat.

**III RAPPORTI MILL-MEMBRI…(ikompli )**

**<u>Vici - Chairperson</u>**

1. Il-Vici Chairperson staqsiet għall-possibilta' li l-bankina fi Triq il-Madliena titwal 5 metri peress li din ma kienitx tlestit mill-Kuntrattur li għamel it-toroq.

2. Ġie rrapurtat dawl maqtugħ fi Triq Fomm l-Għelliem quddiem Clavor House u maġenb Villa Antonia.

   Ġie rrapurtat li s-servizz ta' transport pubbliku mhux qed jaqdi lir-residenti tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li s-Sindku qiegħed f'diskussjoni mat-Transport Malta dwar dan. Ir-residenti qed jitolbu li is-servizz jiġi estiż b'rotta oħra kif kien propost li jsir.

3. Il-Viċi Chairperson infurmat dwar l-ittra li kienet intbgħatet lil Ministru tas-Saħħa dwar id-devoluzzjoni tal-bini tal-Medical Stores f' tas-Stronka. Hi talbet sabiex tinkiteb ittra oħra bl-istess talba pero' din tintbagat lill-Ministru ta' l-artijiet, importanti wkoll li ma' din il-korrispondenza tintbagħat pjanta tal-post.

**Il-laqgħa spiċċat fi-7:30pm. Sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Ġunju 2012.**

**FRANK SALT**
**Chairperson**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**